# Teknoloġija PaperLess itejjeb il-prodotti ERP ta' ISL

PaperLess Europe għadhom kemm ħabbru li se jfornu s-software tagħhom li jgħin il-fluss ta' dokumenti elettroniċi u l-arkivjar lil Information Systems Ltd (ISL) tal-Imsida, li issa jistgħu jipprovdu dawn l-elementi ġodda fis-sistemi tagħhom ERP (enterprise resource planning) madwar l-Ewropa, l-Afrika u l-Ilvant Nofsani.

Permezz ta' din is-sħubija teknologika, dawk li jużaw l-EYESEL Business Suite ikunu jistgħu igawdu minn sistema integrata li hi sikura u affidabbli, tgħinhom biex itejjbu l-effiċjenza tan-negozju tagħhom, jiffrankaw il-flus, iżidu l-profitti u jnaqqsu r-riskju. It-teknoloġija ta' PaperLess Europe tintegra mingħajr lanqas tinduna mas-sistema komprensiva tal-ISL u b'hekk dawk li jużaw is-sistemi ta' ISL jibdew jużaw ukoll is-sistema ta' PaperLess Europe.

Phil Richards, Business Development Manager fl-uffiċċju ta' PaperLess Europe f'Tas-Sliema, spjega kif PaperLess Europe jaħdmu biss permezz ta' msieħba fin-negozju, li huma magħżulin bir-reqqa. Grazzi għall-integrazzjoni ta' dawn iż-żewġ teknoloġiji li ġew żviluppati minn dawn il-kumpaniji stess, PaperLess jistgħu jikkonċentraw fuq l-iżvilupp tal-prodotti tagħhom waqt li ISL jiffukaw fuq il-bżonnijiet tal-klijenti tagħhom.

Għal Joe Aquilina, Direttur tal-Business Development għand ISL, il-benefiċċju tas-sħubija hu li ISL żiedu prodott ġdid li minnu l-klijenti jistgħu jibbenefikaw mill-għadd ta' effiċjenza, prezz u, l-iktar importanti, kif id-dokumenti huma amministrati u maħżuna.

Meta ta l-kumment tiegħu fuq din l-isħubija kummerċjali eċitanti ma' ISL, is-Sur Richards qal: "Huwa pjaċir kbir li dħalna fi sħab ma' ISL, li għandhom sistema ERP li hija waħda mill-aħjar fl-industrija li ġiet żviluppata Malta. Ħdimna mat-tim professjonali hawnhekk u ninsabu kunfidenti li klijenti li qegħdin ifittxu titjib fl-effiċjenza, li jiffrankaw il-ħin u jnaqqsu r-risku jsibu eżattament dak li għandhom bżonn minn PaperLess integrat ma' l-EYESEL Business Suite."

Is-Sur Aquilina qabel u żied jgħid: "Aħna kuntenti ħafna li dħalna fi sħab ma' PaperLess Europe, li se jagħtu l-klijenti tagħna kemm lokali u dawk barra minn Malta, li jiżaw l-EYESEL Business Suite, iktar valur u raġuni oħra għaliex għandhom jixtruh, speċjalment meta jirrealiżżaw kemm se jiggwadanjaw minn dan it-titjib."

PaperLess Europe twaqqfu f'Oslo, fin-Norveġja, fl-1997 bil-viżjoni li jtejbu l-effiċjenza ta' sistemi ta' accounting billi jużaw il-fluss ta' dokumenti elettroniċi u l-arkivjar. S'issa installaw xi 1,700 sistema fl-Ewropa bit-teknoloġija Paperless u fl-2012 ħadu deċiżjoni strateġika li jġibu Malta il-head office tagħhom. Għandhom uffiċċi fin-Norveġja u qegħdin jespandu ġo territorji ġodda fl-Ingilterra, l-Olanda u l-Irlanda.

L-għan ewlieni ta' ISL hu li jwasslu soluzzjonijiet komprensivi li jilħqu l-bżonnijiet ta' kull negozju. Minn mindu twaqqfu fl-1994, ISL taw is-servizzi tagħhom lil klijenti sodisfatti f'numru ta' industriji, fosthom dik tal-karozzi, id-distribuzzjoni tal-ikel u xorb, l-immaniġġjar ta' proġetti u servizzi, fejn joffru klijenti kwalità superjuri billi jipprovdu soluzzjonijiet li għandhom prezz tajjeb u effiċjenti għan-negozju.

– TMIEM –

Captions:

Company logos